**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum 23 ta’ Settembru, 2002**

**Appell Nru 141/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Farrugia talli fl-4 ta’ Lulju, 2001 “u fil-granet sussegwenti”, gewwa l-post maghruf bhala Tal-Barumbara, limiti ta’ Qrendi Road, Zurrieq, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, abuzivament u illegalment okkupa l-passagg li juzaw Frans Gauci, Antoinette Gauci, Sylvia Debono u Carmen Gauci u fixkilhom milli jidhlu fir-raba taghhom Tal-Barumbara minn fuq moghdija li tinsab fil-genb ta’ l-ghalqa tieghu u li huma ghandhom u kellhom kull dritt juzaw kif konfermat minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta’ Marzu, 1998 (Citaz 497/97 AJM);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alfred Gauci hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xaharejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Alfred Farrugia, minnu ppresentat fil-5 ta’ Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u subordinatament, ir-riforma taghha fir-rigward tal-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza l-kopja legali tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta’ Marzu, 1998 (fol. 5 *et seq.*); semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Settembru, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant bazikament jikkontendi li f’dan il-kaz ir-reat ta’ *ragion fattasi* ma jikkonfigurax ruhhu. Huwa jilmenta wkoll dwar il-piena. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti – bhall-ewwel qorti – hi sodisfatta li fil-gurnata u fil-hin indikati

fl-imputazzjoni l-appellant tefa’ kwantita` konsiderevoli ta’ demel fil-moghdija wzata mill-membri tal-familja Gauci biex jaccedu ghall-ghalqa taghhom f’Tal-Barumbara. Dan huwa ghamlu ghax jippretendi li huma m’ghandhomx jghaddu minn dik il-moghdija. Fil-fatt l-ahwa Gauci, minkejja d-demel, irnexxilhom b’diffikulta` jghaddu u jmorru fil-ghalqa taghhom. L-appellant certament fixkilhom fit-tgawdija ta’ l-imsemmija moghdija, u dan meta jaf ben tajjeb li l-pretensjonijiet tieghu ghandu jgibhom quddiem l-awtorita` kompetenti, u mhux jadbad u jiehu l-ligi b’idejh. Ghalhekk jikkonfigura ruhhu r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti, ghalkemm tifhem li minhabba din il-moghdija qed ikun hemm hafna kwistjonijiet bejn l-appellant u l-ahwa Gauci, ma thossx li minhabba t-tlettax-il munzell demel li tefa’ l-appellant huwa ghandu – ghall-anqas ghal din id-darba – jmur il-habs. Ma ingabet ebda akkuza li l-appellant huwa recidiv fit-termini ta’ l-Artikolu 49 jew ta’ l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust li, ghal din id-darba, jigi applikat il-*proviso* ta’ l-Artikolu 85 imsemmi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah **multa ta’ tlett mitt lira (Lm300)**, konvertibbli f’sittin gurnata prigunerija fin-nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Assistent Registratur